MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 422/2001/1

**Lawrence Farrugia**

**vs**

**Lorenza Farrugia**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 15 ta' Marzu 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-1997 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba eccessi u sevizzi da parti tal-konvenuta, *oltre* inkompatibbilta` ta' karattru u llum iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment; u

Illi b'digriet numru 224/2001 tal-15 ta' Frar 2001 is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili awtorizzat is-separazzjoni;

Illi ghalhekk, l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Farrugia u dan ghal ragunijiet imputabbli ghall-konvenuta, Lorenza Farrugia;

2. Tittermina l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti, tillikwidaha u taqsamha f'zewg porzjonijiet b'mod li nofs jinghata lill-attur u nofs lil-konvenuta, wara li l-propjeta` parafernali u dotali tinghata lura lill-kontendenti;

3. Tawtorizza lill-attur ad eskluzjoni tal-konvenuta li jibqa` jghix fid-dar matrimonjali u cjoe` 23, Forget Me Not, Artillary Street, Zonqor Street, Marsascala, li dwaru hemm kawza separata *stante* li hija unikament tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 5 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejn il-kontendenti, dan pero` gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attur. Di fatti, l-eccipjenti qeghda tipprevalixxi ruhha mid-dritt lilha moghti tal-kontro-talba sabiex tirribadixxi dan kollu. Ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol. 6 tal-process;

Rat il-**kontro-talba** tal-konvenuta a fol. 7 tal-process fejn ippremettiet:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-26 ta’ Settembru 1997;

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;

Illi l-attur rikonvenzjonat irrenda l-hajja matrimonjali ta’ bejn il-kontendenti mpossibbli, permezz ta’ adulterju, sevizzi, minacci, theddid u ngurji gravi da parti tieghu fil-konfront ta’ l-istess konvenuta rikonvenzjonanti, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz tad-digriet appozitu ta’ l-Onorabbli Sekond’Awla tal-Qorti Civili (Digriet numru 224/2001 datat 15 ta’ Frar 2001);

Illi ghalhekk, l-istess konvenuta talbet lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg hawn fuq imsemmi ta’ bejn il-kontendenti tkisser b’mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unici ta’ l-attur rikonvenzjonat kif fuq spjegat, u konsegwentement tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan bi htija unika ta’ l-attur rikonvenzjonat;

2. Tillikwida ammont rapprezentanti manteniment li ghandu jigi mhallas mill-attur rikonvenzjonat lill-konvenuta rikonvenzjonanti martu ghaliha u tordna u tikkundanna lill-istess attur rikonvenzjonat sabiex ihallas lill-konvenuta rikonvenzjonanti, dik ir-retta alimentarja li tigi hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mill-paga ta’ l-istess attur rikonvenzjonat; filwaqt li tiddikjara lill-attur rikonvenzjonat li jiddekadi mid-dritt li jippercepixxi manteniment minghand il-konvenuta rikonvenzjonanti;

3. Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat l-effetti ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** sa fejn

applikabbli, inkluza l-komunikazzjoni li jitlef kull dritt li jiret mill-konvenuta rikonvenzjonanti;

4. Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjon lill-attur rikonvenzjonat *ope sententiam.* Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi u jippubblika l-atti relattiv u kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat jirrestitwixxi lill-konvenuta rikonvenzjonanti l-beni parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-attur rikonvenzjonat jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-konvenuta rikonvenzjonanti dik is-somma ghandha tigi likwidata, *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali suddetti;

6. Tawtorizza lill-konvenuta rikonvenzjonanti sabiex tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' l-attur rikonvenzjonat u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez u bl-attur rikonvenzjonat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti a fol. 9 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta a fol. 16 fejn gie eccepit:-

1. Fl-ewwel lok meta z-zwieg ikun tkisser irrimedjabbilment mhux imputabbli t-tort u fi kwalunkwe kaz it-tort huwa ta' Lorenza Farrugia;

2. Mhux dovuta manteniment lil Lorenza Farrugia li ghandha professjoni u mpjieg bhala *Financial Controller* u ghalhekk mhux dovut manteniment lilha la fix-xahar u lanqas bhala somma globali;

3. Illi ma hemmx oggezzjoni illi tinqasam il-komunjoni ta’ l-akkwisti *purche* dan jirrispekkja biss dak li kien tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u illi l-attur jigu moghtija dawk l-affarijiet u propjeta` li hija tieghu;

4. Illi d-dar konjugali hija propjeta` parafernali ta’ l-attur u m’hemmx ragunijet ghala ghandha tinghata lill-mara b’eskluzjoni ta’ zewgha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 16 u 17 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta datata 25 ta’ Settembru 2001 fejn giet nominata Dr. Veronica Galea Debono bhala Perit Legali; u tal-11 ta’ Dicembru 2001;

Rat l-avviz tas-7 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif prezentement presjeduta;

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-20 ta’ Frar 2002;

Rat in-nota ta’ l-attur li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu (a fol. 25) u ta’ Tania Sultana (a fol. 28);

Rat il-verbali tal-25 ta’ April 2002 u tas-6 ta’ Gunju 2002;

Rat in-nota ta’ l-attur li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta’ Adelina Cordina;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Novembru 2002 fejn Dr Brincat talab li l-provi migjuba fil-kawza Citazzjoni Numru 242/01/1 bejn l-istess partijiet jghoddu bhala provi fil-kawza odjerna. Dr Stephen Thake m’opponiex. Il-Qorti laqghet it-talba. Dr Brincat iddikjara li m’ghandux provi izjed. Inghata digriet ta’ l-affidavit tal-konvenuta. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Josette Demicoli biex wara tali terminu tiffissa tlett seduti ghall-provi tal-konvenuta; u ta’ l-4 ta’ Marzu 2003;

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 15 ta' Novembru 2002 fejn talab li jipprezenta affidavit b'xi dokumenti;

Rat id-digriet tat-3 ta' Dicembru 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat in-nota ta' l-attur tas-17 ta' Dicembru 2002 fejn permezz taghha pprezenta affidavit ulterjuri tieghu u xi dokumenti;

Rat il-verbal tal-15 ta' Frar 2001;

Rat in-nota tal-konvenuta datata 20 ta' Dicembru 2002 (a fol. 470) li permezz taghha esebiet l-affidavits taghha (a fol. 476 u 488) u tal-genituri taghha, Karmenu (a fol. 492) u Gemma Spiteri (a fol. 495);

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Marzu 2003; tat-3 ta' Gunju 2003 fejn l-attur ipprezenta affidavit;

Rat il-verbal tat-23 ta' Ottubru 2003; tad-29 ta' Jannar 2004 fejn id-difensuri ddikjaraw li l-provi jinsabu maghluqa.  Huma talba li jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet.  Il-Qorti laqghet it-talba.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju u x-xhieda u dokumenti minnha migbura;

Rat in-nota ta' tal-konvenuta datata 3 ta' Gunju 2004;
Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta' Mejju 2004; u tat-3 ta' Gunju 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat ir-rikors datat 5 ta' Dicembru 2003 u d-digriet ta' din il-Qorti datat 5 ta' Novembru 2004, fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni uterjuri ta' l-istess *stante* li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum, u l-partijiet f'seduti precedenti qablu li l-kawza kelha tibqa' ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza odjerna kif ukoll dawk fil-kawza Nru. 242/01/RCP.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (a) Il-Vertenza Odjerna.

Illi l-attur permezz tal-kawza odjerna qed jitlob is-separazzjoni minn ma' martu u dan minhabba li l-hajja konjugali ta' bejniethom mhiex aktar possibbli minhabba eccessi u sevizzi da parti tal-konvenuta, *oltre* inkompatibilita' ta' karattru u llum tkisser irrimedjabbilment.

Illi l-konvenuta qed taqbel li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli izda dan htija ta' l-attur. Infatti hija pprezentat kontro-talba f'dan is-sens b'diversi talbiet li gew opposti mill-attur rikonvenzjonat.

### (b) Provi Prodotti.

Illi **Lawrence Farrugia** fl-ewwel affidavit tieghu ffoka hafna fuq il-kwistjoni tal-fond matrimonjali li kien mertu tal-kawza bl-istess ismijiet premessi Cit. Nru: 242/01/RCP deciza llum ukoll. Ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni ssir referenza ghall-istess atti u decizjoni moghtija llum stess.

Illi rigward il-hajja matrimonjali xehed li wara li gie ffirmat il-kuntratt ta' divizjoni l-inkwiet bejniethom baqa' jikber u Lorenza bdiet turi li l-hajja taz-zwieg mieghu ma kienet qed togghobha xejn. Hija bdiet issiefer wahedha u bdiet tagixxi b'mod li l-hajja flimkien ma kienitx aktar possibbli. Dan sakemm iddecidiet li titlaq mid-dar, titlob tletin elf lira Maltija (Lm30,000) ghal sehemha u ma jkollha x'taqsam ma' xejn izjed. Huwa sostna li hija zarmat id-dar kollha u li kellha attitudni aggressiva. Huwa pprezenta diversi ritratti u dokumenti sabiex jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu.

Illi **Lorenza Farrugia** pprezentat affidavit fejn xehdet dwar dak li hija harget qabel iz-zwieg kif ukoll ic-cirkostanzi li wasslu ghall-kuntratt ta' divizjoni fejn hija akkwistat nofs

id-dar matrimonjali u nofs il-*garage*. Illi ghal dan saret referenza fic-Cit. Nru: 242/01/RCP deciza llum ukoll.

Illi rigward ir-relazzjoni taghhom hija xehdet li damu johorgu flimkien sena u ghaxar xhur qabel izzewgu. L-eghrusija taghhom kienet wahda tajba.  Hija qalet li kif waslu lura mill-*honeymoon* zewgha tbiddel mill-lejl ghan-nhar. Beda` jgerger ghax ried imur ix-xoghol.  Mohhu biex johrog u fis- safar.  Huwa kien ikun iddisprat ghax kien jghid li dejjem nieqes mill-flus.  Skond hi dan mhux minnu ghax kellu paga tajba.  Huwa kien hafna kapriccuz.  Hija allegat li kien hemm drabi fejn refgha jdejh fuqha.  Hija xehdet li l-imgieba u l-azzjonijiet hziena tieghu ghamlulha hajjitha mizerabbli u bdiet tibza’ hafna minnu.  Kien wasal fi stat li ghal tlett darbiet f’temp ta’ tlett xhur kien anke allegatament abbuza minnha sesswalment. Is-sitwazzjoni kienet insostenibbli izjed meta wasal fi stat li beda` jghidilha li ma kienx ghadu jhobbha u li kien ghamel zball meta zzewwigha. Kien ghalhekk li sena u tlett xhur wara li zzewgu li hi fethitlu kawza ta’ separazzjoni. Hija kienet hafritlu ghax weghda li ma jergax.  Izda imbaghad kellu ncident bil-karozza kkawzat bl-irresponsabbilita’ tieghu. Minhabba f’hekk il-karozza spiccat *total loss* u ftit xhur wara ha l-flus ta’ l-*insurance* u l-genituri taghha sellfuh il-flus biex xtara Isuzu Mu.

Illi fis-sena 2000 sabet impjieg gdid bil-kunsens tieghu. F’Awissu 2000 qalilha li ma kien qed ihoss xejn ghaliha u kien waqaf ihobbha.  Huwa ssugerixxa li jaghmlu xahar separati u jitkellmu wara.  Pero’ wara xahar ma semghet xejn u minhabba li ohtha z-zghira ntghazlet biex tirrapprezenta lil Malta fl-Olimpjadi ta’ l-Awstralja talbet il-kunsens tieghu biex titla’ mal-genituri u ohtha.  Huwa qalilha li ma kienx jinteressah minn dak li taghmel ghax ma kienx ghadu r-ragel taghha.

Illi wara li giet mill-Awstralja marret id-dar matrimonjali. Huwa kien ghadu qed jghix m’ommu u qatt ma mar ghal kollox lura.  Hija ghexet wahedha minn Settembru 2000 sa Awissu 2001. Kien dan iz-zmien (cjoe` l-ahhar ta’ Settembru 2000) fejn saret taf li kien qed ikun frekwentement ma' tfajla mill-Mosta. Hija sostniet li huwa

ghadu maghha sa llum u li z-zwieg tkisser kagun ta' din ir-relazzjoni. Imbaghad Lawrence allegatament beda` jaghmel hafna affarijiet biex idejjaqha u hi kellha titlaq mid-dar. Minn Awissu 2001 huwa ma hallilhiex aktar access ghall-*garage* ghax biddel is-serratura minghajr il-kunsens taghha.

Illi hija tallega li huwa ha hafna affarijiet u dan minghajr il-permess taghha. Hija ghamlitlu rapporti l-ghassa u anke baghtitlu ittri bl-Avukat li ma swew ghal xejn. Ghalhekk irrikorriet ghall-istess metodu tieghu.

Illi fl-affidavit ulterjuri taghha hija tikkonferma li ghandha relazzjoni ma' certu Jeffrey Mallia imma din bdiet wara li huma kienu sseparaw. Infatti hija ltaqghet mieghu f'April 2001.

Illi fl-affidavit tieghu missier il-konvenuta **Karmenu Spiteri** kkorobora ma' dak li xehdet il-konvenuta ghal dak li jirrigwarda l-post li eventwalment sar id-dar matrimonjali. Huwa xehed li bintu harget hafna flus sabiex tiffinixxja l-post proprju minhabba l-ftehim li dawn il-flejjes kienu ntizi bhala sehemha skond l-arrangament li l-post idur fuq it-tnejn. Hija dejjem offrietlu nofs l-ispejjez tal-proprjeta'.

Illi **Gemma Spiteri**, omm il-konvenuta, kkoroborat u kkonfermat dak li qalu zewgha u bintha ghal dak li jirrigwarda l-post f'Wied il-Ghajn. Rigward il-komportament ta' Lawrence wara z-zwieg xehdet li huwa tbiddel mill-lejl ghan-nhar. Huwa beda` jgerger ghax ried imur ghax-xoghol u kien kapriccuz hafna. Kien jidghi kemm jiflah u anke kien hemm drabi fejn refgha jdejh fuq bintha. Hija xehdet li wara xi sena u tlett xhur li kienu mizzewgin Lawrence darba mar ghandha d-dar u kien stqarr maghha li kien refa' jdejh fuq bintha u kien iddisprat. Meta kellmet lil bintha din ikkonfermatilha li hekk kien gara. Hija kienet taf li jiggieldu hafna.

__(c) Apprezzament tal-Provi Prodotti.__

Illi l-attur minn naha tieghu allega li martu wara li zzewgu bdiet turih li l-hajja taz-zwieg mieghu ma bdietx toghgobha

u li hija kellha relazzjoni ma' hadd iehor li ghadu s-sieheb taghha sa llum. Jiddeskriviha wkoll bhala mara b'attitudni aggressiva. Huwa ma elaborax wisq fuq dak li skond hu seta' jwassal ghat-tifrik taz-zwieg taghhom.

Illi l-konvenuta xehdet li l-eghrusija taghhom, li kienet wahda qasira, kienet pjuttost tajba; pero' kienet l-aktar iffukata fuq li jlestu l-fond li kien se jkun id-dar matrimonjali taghhom. Hija qalet pero' li wara li zzewgu u gew lura mill-*honeymoon* zewgha tbiddel mil-lejl ghan-nhar. Huwa beda` jgerger biex imur ix-xoghol, kien kapriccuz hafna u skond hija rresponsabbli wkoll. Huwa kien mohhu fil-hrug u sahansitra gieli kien hemm drabi fejn refa' jdejh. Hija tghid li zewgha kien li qalilha li ma kienx ghadu jhoss xejn ghaliha u li talabha *break. Inoltre* l-konvenuta wkoll allegat li zewgha kellu relazzjoni ma' xi haddiehor u kien ghalhekk li z-zwieg taghhom spicca. Din it-tfajla ghadu maghha sa llum.

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-partijiet allegaw diversi affarijiet fil-konfront ta' xulxin li pero' hafna minnhom ma gewx ippruvati u dan apparti li l-maggoranza ta' l-allegazzjoni lanqas gew ikkorroborati. Illi huwa zgur li l-partijiet kellhom eghrusija qasira hafna li involvithom it-tnejn li huma fl-allestiment tad-dar. Ghalhekk ma kellhomx bizzejjed zmien biex verament ikunu jafu lil xulxin. Meta mbaghad izzewgu u sabu ruhhom jghixu flimkien harget differenza kbira fil-karattri taghhom. Kienet proprju din l-inkompatibilita' ta' karattru li wasslet sabiex iz-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli.

Illi minn naha l-ohra l-konvenuta ma rnexxilhiex tipprova li zewgha telaqha minhabba li kellu relazzjoni extra-maritali. Ghar-rigward ta' l-allegata vjolenza x-xhieda taghha hija biss ripetuta minn ommha pero' din hija hawn ibbazata fuq dak li skond hija qalilha l-attur, li minn naha tieghu jinnega dan. Ghalhekk il-vjolenza allegata mill-konvenuta wkoll ma gietx ippruvata. Lanqas ma ppruvat li l-attur fiz-zmien li kien jghix maghha kellu relazzjoni ma' mara ohra.

Illi minn naha l-ohra lanqas l-attur ma pprova li martu kellu relazzjoni fiz-zmien li kienu qed jghixu flmkien. Huma ma

baqghux jghixu flimkien mis-Sajf 2000. L-*e-mail* li l-attur ipprezenta mibghut minn Jeffrey Mallia lil martu, kif ukoll il-biljetti ta’ l-ajru li jippruvaw li dawn siefru flimkien huma datati fis-Sajf 2001. Lorenza Farrugia ma cahditx li hija bdiet relazzjoni ma’ Jeffrey Mallia pero’ dan mhux meta kienet tghix ma’ zewgha izda hafna xhur wara li hi sseparat minn ma’ zewgha.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandha tigi ddikjarat il-firda personali bejn il-partijiet *stante* inkompatibilita’ ta’ karattru u li l-hajja flimkien ma ghadhiex aktar possibbli ghaliex iz-zwieg tkisser irremedjabbilment.

Illi fil-fatt il-maggoranza ta’ ‘l fuq minn seba` mija u sebgha u sittin (767) pagna tal-process huma kkoncentrati fuq il-qsim tal-beni bejn il-partijiet fejn kull parti pprezentat volum ta’ dokumenti quddiem din il-Qorti. Ovvjament din il-Qorti ezaminat l-istess bir-reqqa u thoss li mill-provi prodotti ghandha tasal ghas-segwenti konkluzjonijiet.

Illi fl-ewwel lok jibda biex jinghad li ghal dak li jirrigwarda l-fond matrimonjali 23, *Forget Me Not*, Artillieri Street, Zonqor Point, Marsaskala giet prezentata kawza mill-attur li giet deciza llum ukoll (Cit. Nru: 242/01/RCP). Illi permezz taghha l-attur attakka l-kuntratt ta’ divizjoni li sar. Din il-Qorti ddecidiet li dak il-kuntratt huwa wiehed validu.

Illi l-konvenuta fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha pproponiet li d-dar u l-*garage* jinbieghu u l-flus jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Illi fis-seduta tat-3 ta’ Gunju 2004 id-difensuri vverbalizzaw illi jaqblu illi n-nofs indiviz tal-fond jappartjeni lir-ragel u huwa definittivament parafernali. Rigward in-nofs tal-mara, li kien kontestat mir-ragel, l-attur isostni li f’kaz li l-azzjoni ma tirnexxiex – kif inhu l-kaz – ghandu jigi kkunsidrat bhala komunjoni, filwaqt li Dr Thake ghall-konvenuta sostna li ghandu jitqies bhala parafernali taghha.

Illi ghalhekk hemm qbil bejn il-partijiet li n-nofs indiviz tal-fond huwa parafernali ghall-attur. Ghal dak li jirrigwarda

n-nofs l-iehor din il-Qorti thoss li r-rizultat tal-kuntratt bejn il-partijiet huwa li n-nofs l-iehor ghandu jigi kkonsidrat bhala appartenenti lill-konvenuta, *stante* li dan kien l-iskop tal-partijiet meta ghamlu l-istess kuntratt u cjoe' li l-istess proprjeta' immobbli tigi kkonsidrata li tappartjeni nofs lill-attur u nofs il-konvenuta, b'dan li talli proprjeta' mmobbli tigi posseduta indivizibbilment bejn l-istess partijiet.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li huwa ovvju li dan il-kuntratt sar bl-intenzjoni specifika mill-partijiet kontraenti u dan bl-awtorizzazzjoni ta' l-istess Qorti tas-Sekond'Awla Civili, li l-istess partijiet hekk mizzewgin jiddividu l-proprjeta' kollha ta' bejniethom, b'dan li l-attur ttrasferixxa lil martu sehem indiviz ta' l-immobbli hemm deskritti fil-kuntratt datat 27 ta' April 1998, mentri minn naha l-ohra l-konvenuta ttrasferiet lill-attur il-mobbli li dwahom jidher li kien hemm ftehim. Dan ifisser li jidher car li minn dak il-mument l-partijiet kellhom nofs indiviz ta' l-immobbli hemm indikata, mentri l-attur akkwista l-mobbli li originarjament kienu akkwistati mill-konvenuta, b'dan li jidher li dakinhar il-partijiet qasmu l-proprjeta' kollha ta' bejniethom, u din il-Qorti thoss li hekk ghandha tigi kkonsidrata s-sitwazzjoni, fis-sens li llum l-istess immobbli ghandu jigi kkonsidrat bhala appartenenti ghan-nofs indiviz lill-attur u nofs indiviz lill-konvenuta, u b'hekk li l-attur ma ghandu l-ebda sehem mill-proprjeta' li huwa stess bl-istess kuntratt ittrasferixxa lil martu, u certament din kienet l-intenzjoni tal-partijiet.

Illi din il-Qorti qed timxi b'dan il-mod *stante* li mill-provi prodotti jirrizulta li l-kwistjoni tad-dar matrimonjali giet regolata mill-partijiet permezz tal-kuntratt hekk imsejjah ta' divizjoni premess, liema kuntratt gie ritenut bhala wiehed validu u veljanti. Din id-decizjoni qed titiehed ukoll skond il-principju legali u bazilari li jirregola l-kuntratti fis-sens li l-istess kuntratti dawn ghandhom dejjem jigu interpretati u esegwiti in *bona fede.* Fil-fatt ghal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-kuntratti ssir referenza ghal dak li nghad fil-kawza **"Emanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapacitati"** (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002):-

*"Illi kif inghad fis-sentenza **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2000) "ghalhekk*

*hawn japplika l-principju stabbilit fl-artikolu 1002 tal-Kap.16, fejn meta l-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt hu car, ma hemmx lok ta' nterpretazzjoni, ghaliex tali nterpretazzjoni anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha. (**Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb** – A.C. 30 ta' Marzu 1997)."*

Illi *inoltre* jinghad li bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li *"l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata <pacta sunt servanda>. (A.C. 5 ta' Ottubru 1998 – **"Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**)."*

Illi l-kuntratt fejn il-partijiet litteralment iddividew il-proprjeta' li kellhom sa dak iz-zmien huwa car u jirrispekkja l-volonta' tal-kontraenti cjoe` li l-proprjeta' mmobbli u mobbli saret permezz tieghu tappartjeni lit-tnejn li huma f'sehem ugwali. Kwindi dak in-nofs jappartjeni interament lill-konvenuta in forza ta' dak il-kuntratt. Dan fih iktar forza meta wiehed jikkonsidra li sar wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti. Apparti dan hemm id-dikjarazzjoni tan-Nutar Pierre Falzon li ddikjara bl-iktar mod car anke f'din il-kawza li huwa dderiga l-istess skond l-intenzjonijiet tal-partijiet u t-tnejn fehmu l-konsegwenzi ta' l-istess.

Illi ghalhekk din il-Qorti tiddeciedi li d-dar matrimonjali flimkien mal-*garage* (u hawn il-Qorti tirreferi ghal-verbal li sar mid-difensuri tal-partijiet fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2004) ghandhom jinbieghu u r-rikavat ghandu jinqasam bejniethom b'mod ugwali.

Illi rigward il-mobbli jidher car li kull parti qabdet u hadet xi affarijiet mid-dar minghajr il-permess tal-parti l-ohra. F'dan il-kuntest il-partijiet ipprezentaw diversi listi fejn elenkaw l-affarijiet li nxtraw, meta nxtraw u minn min, kif ukoll ghand min jinsabu. Pero' lanqas fuq dawn il-partijiet ma qablu.

Mill-provi prodotti din il-Qorti waslet ghall-konvinciment li bejn wiehed u iehor l-oggetti li l-partijiet ghandhom fil-pussess taghhom huma ta' l-istess valur u ghalhekk kull parti ghandha zzomm dak li diga' hadet u dak li jinsab fil-pussess taghha rispettivament, b'dan ghalhekk li kull parti qed tigi assenjata dak kollu li jinsab fil-pussess taghha, inkuzi ghamara u mobbli, inkluz li l-istess attur qed jigi assenjat ukoll il-karozza tal-marka Isuzu b'dan li kull dejn fuq l-istess vettura ghandhu jithallas mill-istess attur.

Illi kwalsiasi depozitu bankarju ghandu jibqa' in pussess tal-parti li f'ismu jew f'isimha huwa registrat dan id-depozitu bankarju, filwaqt li l-ishma fil-Maltacom plc u *t-Timeshare* tas-Serena Beach Club, Gozo ghandhom jigu mibjugha u r-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.
Illi dwar allegati dejn ta' terzi kontra xi parti, specjalment dak allegat mill-genituri tal-konvenuta, dan ma huwiex il-mertu ta' din il-kawza.

Illi fl-ahharnett skond ix-xewqa espressa mill-konvenuta fin-nota taghha a fol. 753 tal-process bis-sahha ta' l-**artikolu 62 (1) tal-Kodici Civili** tawtorizza lill-istess konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha, jigifieri Spiteri.

Illi rigward il-kontro-talba ta' Lorenza Farrugia l-ewwel talba diga' giet trattata u gie deciz li z-zwieg tkisser irrimedjabilment. It-tieni talba ghandha tigi michuda *stante* li l-konvenuta ghandha ntrojtu sufficjenti sabiex tmantni lilha nnifisha. Tichad ukoll it-tielet talba ghax mhux lok li tigi applikata. Tilqa' r-raba' talba biss fis-sens li ghandhom jigi applikati kontra z-zewg partijiet id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (a) u (d) tal-Kap 16.** Tichad il-hames talba *stante* li ma giex ippruvat li l-attur ghandu xi beni dotali jew parafernali fil-pussess tieghu. Tichad is-sitt talba attrici minhabba li gie ordnat li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b'xi mod

inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, u **tichad it-tielet talba attrici**, **tilqa’ l-ewwel u tieni talba attrici** biss fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

(1) Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti *stante* inkompatibilita’ ta’ karattru u li l-hajja flimkien ma’ ghadhiex aktar possibbli ghaliex iz-zwieg tkisser irremedjabbilment.

(2) Tittermina l-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet u l-assi kollha posseduti flimkien bejn il-kontendenti bil-mod sewgenti:-

(i) Tordna li l-fond 23, *Forget Me Not*, Triq Antillieri, Zonqor Point, Marsaskala flimkien mal-*garage* ghandu jinbiegh in subbasta u r-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Tali fond ma ghandhux b’effett mid-data ta’ din is-sentenza jitqies bhala l-fond matrimonjali u l-ebda parti ma ghandha xi dritt li tirrisjedi fl-istess.

(ii) Rigward il-mobbli kull parti zzomm li ghandha fil-pussess taghha, b’dan li l-Qorti qed tassenja lil kull parti l-mobbli li attwalment jinsabu fil-pussess taghha.

(iii) L-attur qed jigi assenjat il-vettura Isuzu Mu b’dan li kwalunkwe dejn gravanti l-istess vettura ghandu jithallas minnu;

(iv) Illi kwalsiasi depozitu bankarju ghandu jibqa’ in pussess tal-parti li f’ismu jew f’isimha huwa registrat dan id-depozitu bankarju;

(v) Illi l-Qorti tordna li l-ishma fil-Maltacom plc u *t-Timeshare* tas-Serena Beach Club, Gozo ghandhom jigu mibjugha u r-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

(3) Tichad din it-talba.

Bl-ispejjez tac-citazzjoni attrici jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi rigward il-**kontro-talba ta' Lorenza Farrugia,** din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-attur biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad it-tieni talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha *stante* li qed jigu applikati kontra z-zewg partijiet rispettivament id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 (1) (a) u (d) tal-Kap 16, u filwaqt li tichad il-hames u s-sitt talba ta' l-istess kontro-talba, tilqa' t-talbiet l-ohra tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha limitatament u biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

(1) Tilqa' din it-talba biss fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti *stante* inkompatibilita' ta' karattru u li l-hajja flimkien ma ghadhiex aktar possibbli ghaliex iz-zwieg tkisser irremedjabbilment.

(2) Tichad din it-talba *stante* l-applikazzzjoni fil-konfront tal-konvenuta ta' l-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16.**

(3) Tilqa' din it-talba biss fis-sens li tapplika kontra z-zewg partijiet id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (a) u (d) tal-Kap 16.**

(4) Tilqa' din it-talba u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u l-assi kollha posseduti flimkien bejn il-kontendenti bil-mod sewgenti:-

(i) Tordna li l-fond 23, *Forget Me Not*, Triq Antillieri, Zonqor Point, Marsaskala flimkien mal-*garage* ghandu jinbiegh in subbasta u r-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Tali fond ma ghandhux b'effett mid-data ta' din is-sentenza jitqies bhala l-fond matrimonjali u l-ebda parti ma ghandha xi dritt li tirrisjedi fl-istess.

(ii) Rigward il-mobbli kull parti zzomm li ghandha fil-pussess taghha, b'dan li l-Qorti qed tassenja lil kull parti l-mobbli li attwalment jinsabu fil-pussess taghha.

(iii) L-attur qed jigi assenjat il-vettura Isuzu Mu b'dan li kwalunkwe dejn gravanti l-istess vettura ghandu jithallas minnu;

(iv) Illi kwalsiasi depozitu bankarju ghandu jibqa' in pussess tal-parti li f'ismu jew f'isimha huwa registrat dan id-depozitu bankarju;

(v) Illi l-Qorti tordna li l-ishma fil-Maltacom plc u *t-Timeshare* tas-Serena Beach Club, Gozo ghandhom jigu mibjugha u r-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

(5) Tichad din it-talba.

(6) Tichad din it-talba.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------